Stqarrija

Dinja Waħda tiċċelebra skejjel li qed jgħinu lit-tfal jersqu aktar qrib in-natura

BirdLife Malta ċċelebrat sena oħra ta' edukazzjoni ambjentali waqt iċ-Ċerimonja Annwali tal-Unuri ta' Dinja Waħda, li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru fil-Kulleġġ De La Salle, il-Birgu.

Din is-sena ngħataw unuri u ċertifikati lil 58 skola, fosthom 54 skola primarja u erba' skejjel medji u sekondarji. Dawn l-unuri jirrikonoxxu l-impenn tal-iskejjel favur l-edukazzjoni ambjentali matul is-sena skolastika 2025–2026.

Imniedi fl-1994, Dinja Waħda jrawwem rabta man-natura permezz ta' esperjenzi prattiċi u tagħlim fil-beraħ, filwaqt li jgħin lit-tfal jiżviluppaw għarfien, empatija u sens ta' responsabbiltà lejn l-ambjent naturali.

L-attività bdiet b'introduzzjoni għall-programm, segwita minn indirizzi mill-President ta' BirdLife Malta, Darryl Grima, u Charles Azzopardi, Kap tas-CSR, l-Avvenimenti u l-Alleanzi Kummerċjali tal-BOV.

Iż-żewġ kelliema enfasizzaw l-importanza li l-ġenerazzjoni żagħżugħa tersaq qrib lejn in-natura u rrikonoxxew il-valur tas-sħubija fl-appoġġ għall-edukazzjoni ambjentali.

Fl-indirizz tiegħu, il-President ta' BirdLife Malta, Darryl Grima, qal: "Id-deċiżjonijiet li nieħdu llum se jsawru l-ambjent naturali li se jirtu t-tfal. Għandna r-responsabbiltà li nikkonservaw in-natura għall-ġenerazzjonijiet futuri, iżda jeħtieġ ukoll li nagħtu s-setgħa lit-tfal biex huma wkoll ikunu parti minn dan l-isforz. L-edukazzjoni ambjentali għandha rwol vitali biex tgħin liż-żgħażagħ jifhmu, japprezzaw u jipproteġu d-dinja naturali."

Charles Azzopardi, BOV Head CSR, Events and Business Alliances, esprima s-sodisfazzjon tal-Bank u tal-Fondazzjoni BOV li qed ikomplu jappoġġjaw il-programm 'Dinja Waħda', inizjattiva li ilha għaddejja għal bosta snin. Qal li l-BOV jgħożż ħafna s-sħubija fit-tul ma' BirdLife Malta, speċjalment għall-impatt

pożittiv li l-programm 'Dinja Waħda' qed iħalli fuq it-tfal. Dan hekk kif permezz ta' din l-inizjattiva, it-tfal qed jingħataw opportunità li jersqu eqreb lejn in-natura minn età żgħira, filwaqt li jiżviluppaw għarfien akbar u sens ta' responsabbiltà lejn l-ambjent. Filwaqt li feraħ lill-iskejjel, lill-edukaturi u lill-istudenti li ġew rikonoxxuti, is-Sur Azzopardi tenna l-impenn tal-Fondazzjoni BOV li tkompli tappoġġja inizjattivi li jħallu impatt pożittiv u dejjiemi fil-komunità.

Desiree Falzon, Dinja Waħda Field Teacher, tkellmet dwar l-importanza tal-esperjenzi diretti tat-tfal man-natura u faħħret lill-għalliema u lill-iskejjel rebbieħa talli qed irawmu kultura ta' għarfien u apprezzament lejn in-natura fil-kurrikulu tagħhom. Hija semmiet ukoll l-impenn tal-Kulleġġ De La Salle favur it-tagħlim ibbażat fuq in-natura permezz ta' *New Leaf*, inizjattiva li qed titwettaq b'kollaborazzjoni ma' BirdLife Malta u Project Green, bil-għan li parti mill-art tal-iskola tinbidel f'ambjent ta' tagħlim li jgħaqqad spazji fuq ġewwa u fuq barra, b'enfasi fuq in-natura.

L-attività ntemmet bit-tqassim tal-unuri u ċ-ċertifikati lill-iskejjel parteċipanti. Rappreżentanti minn BirdLife Malta u l-Bank of Valletta ħadu sehem fit-tqassim tal-premjijiet u fir-ritratti kommemorattivi.

BirdLife Malta rringrazzjat lill-iskejjel parteċipanti kollha, lill-għalliema u lill-imsieħba tal-programm għall-impenn kontinwu tagħhom biex iressqu n-natura eqreb lejn it-tfal permezz ta' esperjenzi ta' tagħlim sinifikanti.

Permezz ta' Dinja Waħda, it-tfal jiskopru li n-natura mhijiex limitata għaż-żoni protetti, iżda tinsab ukoll fil-bitħa tal-iskola, fil-lokalitajiet tagħhom u fil-ħajja ta' kuljum.

Għalliema interessati li jingħaqdu mal-programm jistgħu jsibu jiksbu aktar informazzjoni billi jibgħatu emal fuq dinjawahda.birdlifemalta.org.

TMIEM

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:
Antonia Micallef
Public Engagement Executive, BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org